**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 49 - IT-TLIETA 2 TA' AWWISSU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fit-20:03) |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fis-19:36) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

## 1. APOLOĠIJI U NUQQAS TA' QUORUM

1.1. Fil-ħin li ssejħet il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Cuomo u Brincat. Għalhekk ma kienx hemm il-*quorum* meħtieġ biex tibda l-laqgħa.

1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) sadanittant informa li kellu email mingħand qraba tal-Kunsillier Galea li infurmawh li għal numru ta' laqgħa se jkun indispost bir-raġuni tkun simili għal dik ta' ftit tax-xhur ilu. Il-Kunsillieri Sammut u Sciberras talbu li jkunu skużati mil-laqgħa filwaqt li l-Kunsillier Gatt infurmah li se jasal tard.

1.3. Hekk kif wasal il-Kunsillier Agius kien hemm il-*quorum* meħtieġ u l-laqgħa setgħet tibda.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa preċedenti kienu meqjusa moqrija. Il-Kunsill approva l-minuti *nem con* u għalhekk kienu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-attività tal-Milied minħabba li ħasset li ftit li xejn kien hemm progress u ma ratx aktar komunikazzjoni dwar din l-attività. Hija saħqet fl-importanza li ma jitħalliex xogħol lejn l-aħħar ħalli dak li jsir ikun sewwa.

3.2. Meta ġiet mistoqsija meta se ssir il-laqgħa s-SE semma l-importanza li xi ħadd jieħu l-inkarigu ħalli jkun jista' jikkordina u jmexxi għaliex kien qiegħed iħoss li finalment kollox kien qiegħed jiddependi minnu bil-konsegwenza li, kontra qalbu, jinżamm ix-xogħol lura għax jeħel ma' xogħol ieħor importanti. Huwa għalhekk li trid tinstab sistema biex ix-xogħol ma jinżammx lura. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Viċi Sindku tieħu ħsieb tikkordina iżda importanti li l-Kunsillieri kollha joffru l-għajnuna tagħhom.

3.3. Is-Sindku staqsiet ukoll dwar il-kampanja Familja Attiva. Il-Viċi Sindku infurmat li kellha tipposponi minħabba li ftit li xejn deher li kien hemm interess fl-għajnuna. Madanakollu hija ħasset li għandha tintrabat mal-European Mobility week u staqsiet jekk saritx l-applikazzjoni tal-mobility week.

3.4. Is-SE informa li huwa ma ħejja l-ebda applikazzjoni minħabba li ma waslet għandu l-ebda informazzjoni ħlief li se jiltaqgħu il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Galea biex jiddiskutu xi suġġerimenti. Il-Viċi Sindku saħqet li hija ma tistax taħdem jekk ma jkolliex is-sapport amministrattiv. Is-SE informa li huwa ma kienx qed jippretendi li xi ħadd mill-Kunsillieri jagħmel xogħol amministrattiv iżda li jintbagħat lilu dettall ta' x'għandu jsir ħalli jkun jista' jinterpreta l-punti maqbula fuq l-applikazzjoni.

3.5. Il-Kunsillier Agius informa li dwar l-inizjattiva tar-Reġjun biex jagħmel attivitajiet sportivi donnu kien sfaxxa kollox għaliex ma reġa rċieva l-ebda komunikazzjoni.

3.6. Kien hemm diskussjoni dwar diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-Kunsillieri kollha fil-ħidma tagħhom. Is-SE appella lill-Kunsillieri kollha biex jiffukaw fuq ir-responsabbiltà tagħhom biss ħalli ħadd ma jieħu fuqu aktar milli mistenni għaliex jifhem u japprezza li l-Kunsillieri għandhom ix-xogħlijiet u l-impenji privati tagħhom li jillimitawlhom il-ħin għall-Kunsill.

3.7. Fuq proposta tal-Kunsillier Brincat kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa informali biex jiġu diskussi dawn id-diffikultajiet kollha bil-ħsieb li l-Kunsillieri jħossuhom aktar motivati biex jaqdu dmirhom.

3.8. Il-Kunsillier Brincat appella wkoll biex il-Kunsill jinvolvi kemm jista' jkun residenti validi fil-ħidma tiegħu.

3.9. Il-Kunsill kien infurmat li TM qed titlob lill-Kunsill biex jirrakkomandaw mhux aktar minn tliet siti fejn jistgħu jiġu installati *charging stations* tal-vetturi elettriċi. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jkunu proposti Xatt il-Palm,Triq V Boron u Triq San Pawl maġenb l-għalqa tal-Ġiżwiti.

3.10. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li kien qiegħed ikollha diversi ilmenti dwar irwejjaħ mill-*Landfill* tal-Magħtab.

3.11. Il-Kunsillier Cuomo tat informazzjoni dwar il-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret mill-*Majjistral Action Group Foundation*. Hija għaddiet kopja wkoll tal-preżentazzjoni lill-Kunsillieri kollha filwaqt li infurmathom li għadhom biċ-ċans li jressqu l-ideat tagħhom.

3.12. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet *lecture* dwar il-*Climate Change* fejn saħqu li sas-sena 2020 irid jitnaqqas il-livell tat-tniġġiż fl-arja b'mod sostanzjali u li l-Kunsilli Lokali għandhom jagħmlu l-għalmu tagħhom biex jintlaħqu l-miri. Hija infurmat li hemm *core group* li jista' jgħin f'dan ir-rigward.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

4.1. Il-Kunsill approva l-listi tal-pagamenti bin-numri 48 u 49 kif annessi f'A. Dan wara proposta mis-Sindku li kienet issekondata mill-Viċi Sindku.

4.2. Il-Kunsill approva wkoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'B u Ċ rispettivament.

## 5. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI U S-SOTTOKUMITAT TAL-ILMENTI/TALBIET

5.1. Il-Kunsill approva r-rapport tas-sottokumitat tal-ilmenti/talbiet. Kopja tiegħu hija annessa f'D.

5.2. Kien irrappurtat lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Finanzi kien approva x-xiri ta' printer tal-kulur (rapport anness f'E) kif ukoll skeda ta' kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Inġinier għal-lift (kopja annessa f'F) li l-Kumitat kien qiegħed jirrakkomanda li jintgħażel TVI Servicea Ltd. Il-Kunsill qabel.

## 6. L-ITTRA TA' DIREZZJONI MILL-AWDITURI U R-RISPOSTA TAL-KUNSILL

6.1. Is-SE ressaq l-ittra ta' direzzjoni flimkien ma' kopja tar-risposta suġġerita li għandha tintbagħat.

6.2. Il-Kunsill qabel mar-risposta li għandha tintbagħat kif ippreżentata.

## 7. DESIGN CONTEST GĦALL-PJAZZA

7.1. Il-Kunsillier Brincat informa li s-SE u hu kienu ltaqgħu ma' uffiċjali mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn infurmaw li *design contest* hija xi ħaġa li ssir. Spjega li bħala laqgħa kienet pożittiva ħafna.

7.2. Wara din l-informazzjoni l-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'din il-kompetizzjoni u li magħha jabbina premju kif ukoll ikun hemm irbit ta' sentejn b'mod li jekk ikun hemm finanzjament, min jirbaħ il-kompetizzjoni jkun intitolat li jieħu ħsieb il-proġett hu/hi bi ħlas skont persentaġġ fuq il-proġett.

7.3. Il-Kunsill qabel li jaħtar sottokumitat li għandu jistabbilixxi Bord tekniku biex jagħti l-pariri dwar l-ammont tal-premju, dettalji tekniċi u kriterji għall-premju. Dan is-sottokumitat ikun magħmul mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Brincat. Il-Kunsillier Gatt għandu jkun sostitut f'każ ta' bżonn.

## 8. IL-PROBLEMA TAL-MGĦODIJA BEJN IL-MAGĦTAB U BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

8.1. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li l-Kumitat Amministrattiv kien qiegħed jitlob l-intervent tal-Kunsill dwar din il-mgħodija minħabba li qed tkun ta' periklu.

8.2. Ingħatat informazzjoni lill-Kunsill dwar x'ġara fil-passat fuq din il-mgħodija u kif minkejja li ma kienx hemm permessi mill-MEPA, TM xorta fetħet il-mgħodija għat-traffiku.

8.3. Kien hemm qbil li dwar din jintalab il-parir tal-avukat u possibilment TM jinżamm responsabbli għal kull danni li jistgħu ikunu sofferti.

## 9. TMIEM IL-LAQGĦA

9.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu 2016 fis-7pm.

9.2. Il-laqgħa intemmet fl-21:37.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |